Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 11/2014

**Manuel Spiteri**
**(appellant)**

**Vs**

**Koperattiva Produtturi tal-Ħalib Limited**[1]
**(appellata)**

20 ta' Novembru 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2009, segwita b' Talba bil-Miktub datata 25 ta' Novembru 2009, ir-rikorrent, li huwa membru tal-koperattiva intimata, ippremetta li saritlu ħafna ħsara fil-merħla ta' baqar tiegħu għaliex parti mill-makkinarju fis-sistema tal-ħlib tiegħu ma kienx qed jaħdem sewwa. Huwa talab ir-riżarċiment ta' danni sofferti minnu mingħand l-intimata in kwantu allegatament hija kienet unikament responsabbli sabiex tiggarantixxi li l-commanders elettroniċi, li tagħhom hija l-aġent, jiffunzjonaw tajjeb jew, f'każ ta' bżonn, jinbidlu. Minħabba dewmien u nuqqas ta' tali servizz, ir-rikorrent talab ir-riżarċiment tad-danni minnu sofferti konsistenti f'telf ta' dħul mill-ħalib għal perjodu ta' disa' xhur kif ukoll spejjeż għall-kura tal-baqar.

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fid-9 ta' Diċembru 2009, l-intimata wieġbet li: l-isem tal-koperattiva ma jikkorrispondix għall-ebda isem ta' koperattiva reġistrata mal-Bord tal-Koperattivi; ilha tagħti servizz volontarju ta' support lill-membri tagħha bl-aktar mod professjonali u aġġornat skont l-eżiġenzi tal-każ għal snin twal; bl-ebda mod ma kkawżat danni lir-rikorrent iżda kien l-istess rikorrent li kkawża s-sitwazzjoni li biha qed jilmenta fil-każ odjern.

3. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Arbitraġġ tat-8 t' April 2014 it-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda peress li l-arbitru ma wasalx għall-konvinċiment illi r-rikorrent irnexxielu sodisfaċentement jipprova li l-

[1] Fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2010 it-Tribunal ta' Arbitraġġ awtorizza korrezzjoni f'isem l-intimata '**KPH Ltd**'.

Koperattiva intimata kienet responsabbli għal xi traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-obbligi tagħha versu r-rikorrent b'kawża ta' liema sofra d-danni minnu reklamati.

4. Illi minn din is-sentenza appella r-rikorrent. L-aggravju tiegħu huwa fuq is-segwenti *'punti legali:*

> *(1) fondamentali f'dan il-każ li l-Arbitru naqas li jinkwadra s-sitwazzjoni kollha fl-ambitu speċjali taħt il-liġi tal-Kooperattivi (Kap. 442), u s-sitwazzjoni sui generis li tiġi krejata bil-ħolqien ta' kooperattiva, u l-obbligi u d-drittijiet li jinħolqu fuq il-membri u l-kollettività tal-"komunità" speċjali li tinħoloq b'kooperattiva, u skond l-istatut moqri fit-totalità tiegħu, u speċjalment fil-parti rilevanti tal-Artiklu 23(d) tal-Istatut. U*
>
> *(2) Il-personalità ġuridika tal-kooperattiva, distinta minn dik tad-diretturi, u r-responsabilità ta' kooperattiva qua persuna ġuridika.*
>
> *(3) Id-distinzjoni li kellha ssir bejn bejgħ tal-apparat u kuntratt ieħor tal-after sales services.*
>
> *(4) fuq il-liġi dwar il-provi, li ma jistgħux jiġu skartati meta ma jkunx hemm kontestazzjoni dwarhom, mingħajr ebda motivazzjoni, u li prova hija dik li tkun fondata u mhux biss ta' parti waħda fil-kawża.'*

5. Illi permezz ta' risposta datata 7 ta' Awissu 2015, il-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib Limited wieġbet li l-każ odjern ġie riferut liċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ bi qbil bejn il-partijiet u allura ma kienx jikkonsisti f'arbitraġġ mandatorju. Dan ifisser li appell mid-deċiżjoni arbitrali għandu biss jiġi kkunsidrat jekk jissodisfa l-kriterji kumulattivi elenkati fl-Artikolu 70A(3) tal-Kap.387 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kiterji m'humiex sodisfatti fl-appell in risposta in kwantu l-ebda aggravju ma jikkonċerna punt ta' liġi li (i) t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu, jew mod ieħor (ii) li t-Tribunal iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-appellata argumentat li l-konsiderazzjonijiet li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni tal-Arbitru kienu korretti u jirriflettu sew il-qafas legali u fattwali tal-każ u għaldaqstant l-istess deċiżjoni hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellant.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. Din il-Qorti sejra l-ewwel tgħaddi biex tevalwa l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata dwar jekk l-appell huwiex null in kwantu, skont l-appellata, ma jissodisfax il-kriterji kumulattivi elenkati fl-Artikolu 70A(3) tal-Kap.387 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Iżda qabel tevalwa l-aggravji fid-dawl tal-artikolu surriferit, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-appell huwiex effettivament wieħed mandatorju. Dan in kwantu, minkejja li fir-rikors tal-appell l-appellant jikkwalifika l-aggravju tiegħu bħala '*punt* legali' f'rikors[2] u replika[3] sussegwenti ppremetta li l-arbitraġġ kien wieħed mandatorju u għalhekk japplika l-Artikolu 70Ċ tal-Kap. 387, li jagħti dritt ta' appell kemm fuq il-fatti u kemm fuq il-liġi.

8. L-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 jipprovdi li:

> *'B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f' dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet.'*

9. Tilwimiet dwar koperattivi m'humiex imsemmija fir-raba' skeda tal-Kap. 387 u għalhekk m'humiex meqjusa bħala arbitraġġi mandatorji skont din il-liġi. Jonqos għalhekk jiġi determinat jekk tali tilwimiet humiex meqjusa mandatorji taħt xi liġi oħra, senjatament, il-Kap. 442 dwar is-soċjetajiet koperattivi. Dan jipprovdi hekk:

> *Art. 36(3) 'Kull kwistjoni li tinqala', dwar xi waħda mill-affarijiet imsemmija fl-artikolu 109,* ***għandha, jekk tkun inkluża fl-istatut ta'soċjetà, jew jekk ikun hemm qbil fuqha bejn il-partijiet involuti fit-tilwima****, tiġi riferita għall-arbitraġġ minn arbitru li jinħatar mill-President taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta, f'liema każ il-membri tas-soċjetà għandhom jikkonformaw ruħhom skont il-lodi li jingħata mill-arbitru.* ***Is-sħubija f'soċjetà awtomatikament timplika ftehim taċitu, min-naħa tal-membru, li jkun se joqgħod għall-arbitraġġ kif hawn aktar qabel imsemmi.'***
>
> *109.(1) Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar il-kostituzzjoni ta' soċjetà, l-elezzjoni tal-uffiċjali tagħha jew it-tmexxija tal-laqgħat ġenerali tagħha, jew il-ġestjoni jew ix-xogħol ta' soċjetà –*
>
> *(a) bejn il-membri, membri tal-imgħoddi u l-aventi kawża ta' membri, membri tal-imgħoddi jew membri li mietu; jew*
> *(b) bejn membru, membru tal-imgħoddi jew membru li miet, u s-soċjetà, il-kumitat ta' tmexxija, il-bord ta' sorveljanza tagħha, jew xi uffiċjal tas-soċjetà; jew*
> *(ċ) bejn s-soċjetà jew il-kumitat ta' tmexxija tiegħu jew il-bord ta' sorveljanza u xi uffiċjal tas-soċjetà; jew*
> *(d) bejn soċjetà u xi soċjetà oħra; jew*

---

[2] 13 ta' Frar 2017.
[3] 27 ta' Frar 2017.

*(e) abbażi ta' xi talba minn xi soċjetà għal xi dejn jew debiti oħra mingħand membru, membru tal-imgħoddi jew il-werrieta ta' xi membru li jkun miet, sew jekk dak id-dejn jew debiti oħra jkunu ammessi sew jekkma jkunux; jew*
*(f) kull kwistjoni li toriġina mill-interpretazzjoni tal-istatut ta' soċjetà, jew ta' xi regola li jkun hemm fih,*

*għaldaqstant* ***dik il-kwistjoni tista', u jekk ikun hekk provdut fl-istatut ta' soċjetà jew jekk ikun hemm ftehim dwar dan bejn il-partijiet involuti fit-tilwima għandha, tintbagħat għall-arbitraġġ quddiem arbitru li jiġi maħtur mill-President taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta****:*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal xi kwistjoni bejn soċjetà u l-impjegati tagħha dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kuntratti tax-xogħol ta' dawk l-impjegati.'*

10. Skont dik id-disposizzjoni, il-kwistjonijiet li jissemmew f'artikolu 109 għandhom jiġu riferuti għall-arbitraġġ jekk:

i. L-istatut tas-soċjeta' koperattiva jkun jipprovdi hekk; jew
ii. Hemm qbil bejn il-partijiet.

Hu evidenti li l-arbitraġġ mandatorju li qiegħed jikkontempla l-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387) m'huwiex il-każ fejn fil-partijiet għandhom kwistjoni u jaqblu li jirreferu kwistjoni għall-arbitraġġ.

L-artikolu 36, li jipprovdi sostanzjalment li l-istatut ta' soċjetà koperattiva għandu jorbot il-Membri, juża l-kelma '*għandha*' biss fil-kuntest tal-artikolu 109 u bil-premessa li l-kwistjoni tiġi riferuta għall-arbitraġġ biss jekk tkun inkluża fl-istatut ta' soċjetà, jew jekk ikun hemm qbil fuqha bejn il-partijiet involuti fit-tilwima. Il-fatt li dik id-disposizzjoni tipprovdi wkoll li sħubija f'soċjetà awtomatikament timplika ftehim taċitu, min-naħa tal-membru, li jkun ser joqgħod għall-arbitraġġ ma jfissirx li tali arbitraġġ huwa mandatorju, kif jikkontendi l-appellant, iżda jfisser biss li ladarba membru ssieħeb ma' soċjetà li fl-istatut tagħha tipprovdi li tilwimiet għandhom jiġu riżolti b'arbitraġġ, huwa jkun qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dak il-kwistjonijiet li jissemmew fl-artikolu 109, jigu riferiti lill-arbitraġġ.

11. Li l-każ m'huwiex arbitraġġ mandatorju jirriżulta wkoll mill-ftehim ta' arbitraġġ li ffirmaw il-partijiet fit-13 ta' Lulju 2009, minn fejn jirriżulta li l-kontendenti kienu konsapevoli li dritt ta' appell kien biss fuq punt ta' liġi. Tant hu hekk li fil-ftehim hemm stampat il-kliem: *"Any Party may appeal from the award on points of law in accordance with the provisions of the Act"* u *footnote* li taqra:

*"In the case of Domestic arbitration the parties enjoy a right of appeal on points of law unless it is expressly excluded or the parties exempt the arbitrator from giginv reasons in the award".*

12. Isegwi għalhekk li dan l-appell huwa regolat bl-artikolu 70A tal-kap. 387 li jagħti dritt t'appell fuq **punt ta' liġi** li jitnissel minn deċiżjoni finali magħmula fil-proċedimenti liema appell jista' biss jiġi kkunsidrat mill-Qorti tal-Appell jekk jiġu sodisfatti il-kriterji elenkati fis-subartikolu (3) li jipprovdi s-segwenti:

> *'Il-Qorti tal-Appell għandha tikkunsidra l-appell biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta –*
>
> *(a) li d-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' waħda jew iktar mill-partijiet;*
> *(b) li l-punt ta' liġi huwa wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni;*
> *(ċ) li fuq il-bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-tribunal dwar il-punt ta' liġi hija prima facie miftuħa għal dubju serju; u*
> *(d) li abbażi ta' reviżjoni tar-rikors, kull risposta u d-deċiżjoni, l-appell ma jidhirx li hu dilatorju u vessatorju,*
>
> *u fil-każijiet l-oħra kollha il-Qorti għandha tiċħad l-appell.'*

Elementi li **kollha** jridu jkunu preżenti sabiex l-appell jiġi kkunsidrat.

13. B'rikors preżentat fit-13 ta' Frar, 2017 l-appellant talab li jsir aċċess sabiex fuq il-post jiġi kkonstatat *"... dak li ilu jipprova jqiegħed l-esponenti quddiem it-Tribunal".* Talba li hi bażata fuq il-premessa li f'dan il-każ kien hemm arbitraġġ mandatorju, u *"... għalhekk hu applikabbli l-Art 70(c) tal-Kap. 387, li jagħti dritt ta' appell kemm fuq il-fatti u kemm fuq il-liġi".* In vista ta' dak li ngħad fil-paragrafi preċedenti, it-talba tal-appellanti hi miċħuda stante li f'dan il-każ ma jeżistix dritt ta' appell dwar punt ta' fatt.

14. Il-koperattiva appellata tikkontendi li l-ebda aggravju ma jikkonċerna punt ta' liġi li (i) t-Tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu, jew mod ieħor (ii) li t-Tribunal iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni. Tgħid li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni appellata, għalkemm qieset b' ċertu dettall ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u sabbiliet li l-koperattiva intimata kienet obbligata li tipprovdi assistenza teknika lir-rikorrent fir-rigward tal-magni tal-ħalib, id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-punt kardinali li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li l-koperattiva kienet ħatja ta' traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-obbligi tagħha versu r-rikorrent membru tagħha.

15. F'kull każ, l-appellata wieġbet li anke jekk għas-saħħa tal-argument kellu jingħad li l-punt ta' liġi rigwardanti r-relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent appellant u l-koperattiva appellata jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 70A(3)(b) tal-Kap.387, tal-Liġijiet ta' Malta, xorta waħda l-ebda aggravju ma jattakka xi vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta' dan il-punt ta' dritt. Inoltré, lanqas ma huwa l-każ li '*fuq bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-tribunal dwar il-punt ta' liġi hija prima facie miftuħa għal dubju serju*' kif irid l-Artikolu 7A(3)(c) tal-Kap.387.

16. L-aggravju tal-appellant, maqsum f' erba'.

17. Permezz tal-**ewwel aggravju**, ir-rikorrent appellant jilmenta li '*fondamentali f'dan il-każ li l-Arbitru naqas li jinkwadra s-sitwazzjoni kollha fl-ambitu speċjali taħt il-liġi tal-Kooperattivi (Kap. 442), u s-sitwazzjoni sui generis li tiġi krejata bil-ħolqien ta' kooperattiva, u l-obbligi u d-drittijiet li jinħolqu fuq il-membri u l-kollettività tal-"komunità" speċjali li tinħoloq b'kooperattiva, u skond l-istatut moqri fit-totalità tiegħu, u speċjalment fil-parti rilevanti tal-Artiklu 23(d) tal-Istatut.'*

18. Il-proċeduri li ppropona l-appellant kien bażat fuq l-ilment kif spjegat fil-ftehim ta' arbitraġġ: "*The damages due to Emanuel Spiteri resulting from the loss of livestock on his cow farm, when a defective milking apparatus was not properly maintained by the supplier, which damages are considered as being the responsibility of KPH which on its part is refuting responsibility*". Imbagħad ipprezenta *statement of claim* fejn spjega l-ilment. Minn dan id-dokument hu evidenti li l-ilment tal-appellant kien li:

i. Saret ħsara lill-baqar minħabba ħsara li kien hemm fil-*commander box*.

ii. Il-ħsara fil-baqar hi attribwibbli għan-nuqqas tal-intimata li *"tiggarantixxi s-servizz kontinwu li l-commanders elettroniċi jkunu jiffunzjonaw tajjeb, u f'każ negattiv, jinbidlu mingħand il-KPH stess li tagħhom huma l-aġenti. Il-fatt huwa li kieku fis-27 ta' Lulju, 2007 mal-ewwel kien hemm soluzzjoni l-ħsara kienet tkun żgħira u minima. Id-dewmien u n-nuqqas ta' servizz pattwit ikkawżaw danni li qed jiġu reklamati"*.

19. L-appellant jilmenta li kopertattiva hija 'komunita' *sui generis* u l-membri tagħha għandhom drittijiet u obbligi kontinwi marbuta mar-regoli li joħorġu mill-istatut. Tradott għall-fatti konkreti tal-każ in diżamina, l-appellant jikkontendi li membru tal-koperattiva appellata ta' raħħala għandu l-obbligu li jixtri l-ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol, inkluż l-apparat li

jikkontrolla l-ħlib mekkaniku tal-baqar, mill-istess koperattiva. Din tal-aħħar għalhekk kienet taddotta sistema li biha tekniċi tagħha kienu jieħdu ħsieb jagħmlu tiswijiet u *testing* tal-appart '*marbut ħaġa waħda mad-dritt tal-membri li l-apparat li jużaw ikun garantit jew sostitwit.*' Jikkontendi għalhekk li l-arbitru kien żbaljat fejn qal li ma kienx hemm rabta ta' garanzija la bil-miktub u lanqas taċitu da parti tal-koperattiva dwar il-funzjonament tal-apparat. L-appellant, li kien jaħdem bħala tekniku fil-qasam qabel ma daħal biex irabbi l-baqar huwa stess, jgħid li dan huwa servizz garantit mill-koperattiva appellata 24/7 minħabba l-fatt li annimal ħaj li ma jkunx jintsab tajjeb ma tistax tinjorah sakemm jgħaddi tmiem il-ġimgħa. Dan il-fatt li qatt ma ġie miċħud mill-appellata, għalkemm skontha kienet toffri dan is-servizz fuq bażi volontarja u mhux għaliex obbligata. Iżda l-appellant jishaq li l-koperattiva mhijiex għaqda filantropika u jirreferi għall-paragrafu 23(d) tal-istatut dwar l-obbligi tal-membri li jipprovdi kif ġej:

> *'jixtri mill-koperattiva l-bżonnijiet kollha tiegħu ta' għalf bilanċjat u ġwież ieħor kif ukoll bżonnijiet u servizzi oħra li juża fil-ħidma tax-xogħol tiegħu fit-trobbija tal-annimali tal-ħalib u tal-produzzjoni tal-ħalib u ċ-ċanga.'*

20. F'dan ir-rigward, skont il-koperattiva appellata, mhux biss l-arbitru qies is-sitwazzjoni kollha tal-każ taħt il-liġi tal-koperattivi, l-Att dwar il-Kumpanniji u l-istatut u ddetermina in-natura tar-relazzjoni ġuridika ta' bejn il-kontendenti.

21. Il-qorti tibda biex tosserva li taqbel perfettament mat-Tribunal li ma rriżultax li l-appellata qatt tat xi garanzija lix-xerrejja tal-*commanders* elettroniċi li ser jibqgħu jaħdmu tajjeb u li mal-bejgħ kienet qegħda tagħti xi garanzija perpetwa. Pero' t-Tribunal ma waqafx hawn, u mbagħad għadda biex jikkunsidra jekk l-appellata kellhiex obbligu, b'riżultat tal-fatt li l-appellant kien membru tagħha, li tagħtih servizz.

22. Effettivament, fid-deċiżjoni appellata, l-arbitru ikkonkluda li '*t-talba tar-rikorrent tista' biss tiġi nkwadrata u eżaminata fil-qafas tat-termini ta' sħubija tar-rikorrent fil-KPH, kif espressi fil-provvedimenti applikabbli tal-istatut tal-istess Koperattiva Produtturi tal-Ħalib Ltd, kif ukoll f' dawk il-provvedimenti tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi (Kap. 442 tal-Liġijiet ta' Malta) li jistabbilixxu l-obbligi u l-jeddijiet tal-Koperattiva favur xi membri tagħha u viċi versa.*'[4] Wara analiżi tad-drittijiet u obbligi li jemerġu mill-istatut u l-liġi, it-Tribunal ikkonkluda li, '....*r-rikorrent f'din iċ-ċirkostanza għażel li jirrikorri għas-servizzi tal-Koperattiva intimata. Din l-għajnuna li r-rikorrent talab lill-Koperattiva tinkwadra ruħha sewwa fl-għanijiet tagħha u* ***allura fid-dmir li***

[4] Paġna 13.

***ghandha taghti assistenza teknika lill-imsiehba. Li jfisser ukoll li l-Koperattiva intimata kellha l-obbligu li tipprovdi tali assistenza b'mod attent u kompetenti skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ***[5]. Dan wara kollox kien proprju dak li qiegħed isostni r-rikorrent. Fil-fatt f'kummenti li ta l-appellant u li huma mehmuża man-nota ta' sottomissjonijiet, jingħad: *"Issa niġu għat-test tas-27/7/2007 li huwa l-qofol ta' dil-kawża u għal kontra ta' kull ħaġa li assumew, huwa evidenza konkreta. Fid-data 27/7/2007 jiena tlabt is-servizz tal-KPH fuq ħsara tal-milking machine għax indunajt li l-baqar ma kinux qed jinħalbu komdi.* ***Il-kwistjoni kollha ta' dan l-arbitraġġ hija r-riżultati tas-27/7/2007, jekk ir-riżultati kinux tajbin u għalhekk, jitħalla kollox kif kien jew jekk kinux ħżiena tittranġa l-ħsara li kellha l-milking machine****"*.

23. Minn dak li ngħad hawn fuq isegwi li it-Tribunal tal-Arbitraġġ ikkonkluda proprju li l-koperattiva kellha **l-obbligu u dmir li tipprovdi l-assistenza mitluba minnha mir-rikorrent**. Mid-deċiżjoni hu evidenti li t-talbiet tar-rikorrent ġew miċħuda għaliex it-Tribunal kien tal-fehma li fil-qadi ta' tali assistenza, l-appellant ma rnexxilux jipprova li l-Koperattiva kienet ħatja ta' traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' ħila fil-qadi tal-obbligi tagħha fil-konfront tar-rikorrent. Għalhekk ċaħdet it-talba tal-appellant għad-danni.

24. Dwar it-tlett aggravji l-oħra, l-koperattiva appellata wieġbet li l-ebda wieħed minnhom ma ssemma fil-*lodo* arbitrali u għalhekk m'għandhomx jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti ladarba ma jammontaw għall-ebda punt ta' liġi li t-tribunal iddependa fuqu biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu.

25. Permezz tat-**tieni aggravju** tiegħu, l-appellant jilmenta li filwaqt li l-arbitru saħaq fuq ir-responsabbilità in *culpa tad-diretturi*, skarta għal kollox ir-responsabbilità oġġettiva tal-koperattiva appellata bħala persuna ġuridika. L-appellant iċċita l-Artikoli 1012 et seq. tal-Kodiċi Ċivili u speċjalment l-Artikolu 1015 u 1017 u jikkontendi li ladarba hija daħlet, anké jekk b' mod volontarju, biex tagħti servizz ta' *proper management* tal-*control box*, allura kellha tuża d-diliġenza ta' *bonus pater familias* u li tkun responsabbli għad-danni li l-operat tagħha jista' jikkawża.

26. Illi l-koperattiva appellata ssostni li dan il-punt bl-ebda mod ma ssemma fil-*lodo* arbitrali u għallhekk ma kienx punt ta' liġi li t-tribunal iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni.

---

[5] Fol. 24.

27. Il-qorti tibda biex tosserva li t-Tribunal m'għamilx riferenza għal dawk id-disposizzjonijiet li japplikaw għal kważi kuntratti. Fil-każ in eżami m'għandniex is-sitwazzjoni ta' kważi kuntratti. Inoltre, ħadd mill-partijiet m'għamel riferenza għal dawk id-disposizzjonijiet fis-sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem it-Tribunal ta' Arbitraġġ.

28. F'kull każ dwar il-grad ta' diliġenza applikabbli, it-Tribunal iddistingwa bejn *culpa lata*, li hija negliġenza grassa li tirrażenta l-frodi, l-*culpa levis*, li huwa n-nuqqas ta' grad ordinarju ta' prudenza li *bonus paterfamilias* diliġenti mistenni li josserva u *culpa levissima* li huwa l-inqas negliġenza li tista' tiġi kommessa minn persuna li tkun attenta fix-xogħol tagħha.[6] Mis-sentenza appellata jirriżulta li l-metru ta' diliġenza applikat mit-Tribunal kien *culpa levis,* ossija, in-nuqqas ta' grad ordinarju ta' prudenza li *bonus paterfamilias* diliġenti mistenni li josserva. Dan huwa l-istess grad ta' diliġenża li l-appellant jippretendi li kellu japplika.

29. Stabbilt dan, għalkemm huwa minnu li t-Tribunal daħal fil-kwistjoni tar-responsabbilità tad-diretturi a tenur tal-liġijiet viġenti u tal-istatut, u wasal għall-konklużjoni illi '*kemm l-att dwar il-Koperattivi kif ukoll l-istatut tal-Koperattiva intimata ma jħallu ebda dubju li l-kumitat ta' tmexxija hu responsabbli għat-tmexxija sew u tajba tal-affarijiet tal-Koperattiva, f'każ ta' maniġer impjegat biex jamministra*'[7], għamel **ukoll** analiżi '*dwar jekk l-involviment tat-tekniċi tal-koperattiva intimata fir-rigward tat-tħaddim ta' dan iż-żewġ apparati setax jindika traskuraġni jew negliġenza da parti tagħhom li twassal tar-responsabbiltà tal-akkadut*'[8] u kkonkluda:

> '*Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu għal din ir-riflessjoni finali dwar jekk l-aġir tal-Koperattiva intimata, fl-aħjar ipotesi għar-rikorrent, jistax jiġi kwalifikat bħala culpa levis għal fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilità għall-akkadut.*
>
> *Għandu jiġi enfasizzat illi, biex tiġi akkollata l-culpa levis fl-eżerċizzju ta' diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja, jeħtieġ jiġi identifikat fl-aġir tal-persuna obbligata li tosservaha, element ta' negliġenza. Hu minn din in-negliġenza li tista' tiġi addebitata il-ħtija – culpa. Negliġenza timplika nuqqas fl-eżerċizzju tal-obligazzjoni li, fil-każ ta' culpa levis tista' ukoll tkun involontarja, dovuta per eżempju, għal leġġerezza jew diżattenzjoni. Min-naħa l-oħra, aġir li jirriżulta żbaljat ma jitqiesx li jagħti lok għal kull culpa levis jekk ma jkunx infiċjat b'elementi ta' xi grad ta' traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' ħila.*

[6] Paġna 16.
[7] Paġna 21.
[8] Paġna 33.

*Dawn l-elementi jiġu ġeneralment esklużi meta l-aġir anke jekk skorrett, ikun sar f'kuntest li jista' jiġi ġustifikat mill-komplessità taċ-ċirkostanzi, id-diffikultà biex isiru l-għażliet u n-nuqqas ta' qbil dwar kif wieħed kellu jaġixxi f'dik is-sitwazzjoni. Interpretazzjoni differenti tal-fatti li taw lok għal aġir kontestat, anké jekk tirriżulta żbaljata, kif isostni l-complainant f'dan il-każ, sakemm issir in buona fede, bil-qies u fid-dawl tal-prinċipji u tagħlim dettati mill-arti u sengħa ma tagħtix lok għal culpa levis.*

*L-analiżi magħmula fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-fatti tal-każ tinkwadra sewwa f' din ir-riflessjoni u fil-fehma tal-Arbitru sottoskritt tiġġustifika ukoll l-aġir tat-tekniċi tal-Koperattiva intimata.*[9]

30. Isegwi għalhekk, in kwantu din il-parti tal-aggravju tar-rikorrent appellant hi bażata fuq il-pretensjoni li s-soċjetà koperattiva appellata kellha tuża d-diliġenza ta' *bonus pater familias* u tkun responsabbli għad-danni li l-operat tagħha jista' jikkawża, li tali responsabbilità ġiet eskluża fil-mument li t-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda li l-aġir tat-tekniċi tagħha kien ġustifikat skont l-apprezzament li huwa għamel taċ-ċirkostanzi. Fi kliem ieħor, ladarba it-Tribunal eżamina l-involviment tat-tekniċi tal-koperattiva intimata fir-rigward tat-tħaddim taż-żewġ apparati minnhom użati u wasal għal konklużjoni li ma kien hemm ebda traskuraġni jew negliġenza da parti tagħhom, isegwi li ma ġew ikkaġunati ebda danni li jistgħu jiġu attribwiti lill-koperattiva appellata li ngaġġathom.

31. F'dan il-kuntest, l-aggravju tal-appellant dwar id-distinzjoni bejn il-livell ta' *culpa* attribwibbli lill-koperattiva intimata appellata u d-diretturi tagħha jista' jissarraf biss f'eżerċizzju akkademiku li jmur lil'hinn mill-iskop ta' dawn il-proċeduri. Isegwi għalhekk li lanqas din il-parti tal-aggravju ma timmerita tiġi kkunsidrata ulterjorment.

32. It-**tielet** parti tal-**aggravju** huwa li l-appellant jilmenta li kellha ssir distinzjoni bejn bejgħ tal-apparat u kuntratt ieħor tal-*after sales services* li kien f'monopolju tal-koperattiva. Ladarba s-servizz ingħata, kien mistenni li ingħata sewwa, u ma kellha tqum l-ebda kwistjoni dwar jekk kienx hemm garanzija li jingħata dak is-servizz o meno. Għalhekk il-kwistjoni, kuntrarjament għal dak li ddeċieda l-arbitru, kienet tiċċentra fuq jekk t-*testing* sarx sewwa u jekk ma sarx sewwa x'kienu l-konsegwenzi f'din l-okkażjoni partikolari.

---

[9] Paġna 41.

33. L-appellata tikkontendi li d-deċiżjoni appellata ma għamlet ebda distinzjoni bejn il-bejgħ tal-apparat u xi kuntratt ta' *after sales services* u għalhekk it-Tribunal ma ddependiex fuqu biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu b'dan illi, a tenur tal-artikolu 70A.(3) tal-Kap 387, dan l-aggravju ma jimmeritax li jiġi kkunsidrat.

34. Din il-Qorti tirreferi għal darb'oħra għal parti *supra* ċitata tad-deċiżjoni appellata u għal skop ta' prattiċità ser terġa tirriproduċi dik il-parti fejn it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda li:

> *'Interpretazzjoni differenti tal-fatti li taw lok għal aġir kontestat, anké jekk tirriżulta żbaljata, kif isostni l-complainant f' dan il-każ, sakemm issir in buona fede, bil-qies u fid-dawl tal-prinċipji u tagħlim dettati mill-arti u sengħa ma taghtix lok għal culpa levis.*
>
> *L-analżi magħmula fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-fatti tal-każ tinkwadra sewwa f'din ir-riflessjoni u fil-fehma tal-Arbitru sottoskritt tiġġustifika ukoll l-aġir tat-tekniċi tal-Koperattiva intimata.'*[10]

35. Isegwi li l-arbitru għamilha ċara li rrispettivament mill-fatt jekk ir-riżultati tat-*testing* ġiex interpretat sewwa o meno, sakemm dan sar in *buona fede*, bil-qies u fid-dawl tal-prinċipji u tagħlim dettati mill-arti u sengħa, ma jagħtix lok għal *culpa*.

36. Ir-*ratio* tad-deċiżjoni appellata hija jekk is-servizz mogħti mill-koperattiva intimata ingħatax in *buona fede*, bil-qies u fid-dawl tal-prinċipji u tagħlim dettati mill-arti u sengħa u <u>mhux</u> jekk l-interpretazzjoni mogħtija mit-tekniċi tar-riżultanzi tat-*testijiet* minnhom eżegwiti kinitx korretta o meno, kostatazzjoni ta' fatt li mhijiex sindakabbli minn din il-qorti.

37. Illi fir-**raba' lok** l-appellant jilmenta li skont il-liġi dwar il-provi, provi ma jistgħux jiġu skartati meta ma jkunx hemm kontestazzjoni dwarhom, mingħajr ebda motivazzjoni.

38. L-appellata ttenni li tali punt ta' liġi la ġie riferut lit-Tribunal biex jiddeċiedi fuqu u lanqas ma ddependa fuqu biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Wieġbet ukoll li r-rikorrent appellant fl-ebda waqt ma ndika liema kienu dawk il-provi li skont hu ma ġewx kontestati mill-koperattiva intimata.

---

[10] Paġna 41

39. B'dan l-aggravju l-appellant jrid li din il-qorti tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid u tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. L-ilment tal-appellant hu li t-Tribunal skarta ċertu provi kif ukoll naqas milli jeżamina l-provi bil-loġika, u aċċetta bħala fatt sitwazzjonijiet li huma kontradittorji. Wieħed mir-rekwiżiti sabiex din il-qorti tikkunsidra l-appell, skont l-artikolu 70A(3) tal-Kap. 378, hu li tkun sodisfatta:

> *"(b) li l-punt ta' liġi huwa* ***wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu*** *jew* ***mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni****".*

**Minn din id-disposizzjoni hu evidenti li mhux kull punt ta' liġi hu appellabbli, u inoltre l-apprezzament tal-provi m'għandu x'jaqsam xejn mal-punt ta' liġi li dwaru jista' jsir appell. Ma tistax tasal ghal konklużjoni dwar kienx hemm *culpa levis* jekk ma jsirx apprezzament tal-provi. Eżercizzju li jista' jsir <u>biss</u> mit-Tribunal ġialadarba dan il-każ ma jitrattax arbitraġġ mandatorju.**

40. F'kull każ fl-apprezzament tal-provi prodotti, it-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *'Jirriżulta pprovat illi d-danni sofferti mir-rikorrent kienu konsegwenza ta' mastite x'aktarx kronika fil-baqar. Hija infjammazzjoni tas-sider il-baqra u taffettwalha l-produzzjoni tal-ħalib. Hemm qbil illi din il-kundizzjoni tista' tiġi provokata minn ħafna fatturi differenti li jinkludu difett fil-magni tal-ħlib, metodu ħażin ta' ħlib, ħmieġ fl-ambjent ta' fejn tkun il-baqra, mod ħażin ta' kif jitraqqdu l-baqar kontaminazzjoni bejn baqar morda u oħrajn b' saħħithom u kull ċirkostanza oħra li tista' twassal għall-infjammazzjoni. Infatti kull ħaġa li taffettwa l-beżżul u l-kapaċità li dan iżomm il-mikrobi li jidħlu, ħa żżid il-probabbilità li jkun hemm infezzjoni.*
>
> *Huwa importanti f'dan ir-rigward dak li xehed it-Tabib Bezzina dwar il-proċess tal-marda...*
>
> *...*
>
> *Jidher illi l-fatti ta' dan il-każ iwasslu għall-konvinċiment illi ma kienx daqstant faċli anki għan nies tekniċi li jidentifikaw b'ċertezza x'kienet l-oriġini tal-maistite kronika li laqtet il-baqar tar-rikorrent. Anke issa, wara li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-fatti kollha li setgħu kienu pprovokaw l-inċident, ix-xhieda esperti u tekniċi ma waslux biex b' ċertezza, jiċċertifikaw illi din ġiet neċessarjament kawżata minn difett fil-magni. Anki jekk ġie dikjarat minn xhud minnhom ex post facto illi hekk kienet il-probabbiltà.*
>
> *Infatti t-Tabib Bezzina jixhed ...*

*It-Tabib Bezzina filwaqt li ta diversi proċessi tal-magna li setgħu negattivament affettwaw il-proċess tal-ħlib, iddikjara li hu ma setax jidentifika liema parti tal-makkinarju setgħet kienet difettuża b'mod li pprovokat il-ħsara. Kemm dan ix-xhud kif ukoll ix-xhud Hawken u oħrajn, esperti fil-qasam, qablu fuq diversi fatturi ta' funzjonament ħażin ta' diversi aspetti tal-proċess tal-ħlib li setgħu potenzjalment affetwaw negattivament is-sider tal-baqra u ipprovokaw il-mastite. Peró ħadd minnhom ma kien f'posizzjoni li b'ċertezza jgħid liema parti tal-makkinarju kienet interessata f'dan il-każ u lanqas li d-danni ġew bilfors provokati minn difett fil-makkinarju.*

*Jidher illi ħadd minn dawn ix-xhieda ma eskluda l-possibilità illi l-mastite setgħet kienet provokata minn fatturi ambjentali jew b' kontaminazzjoni. Anké f'dan ir-rigward hemm elementi ta' provi li jitfgħu dubju dwar jekk il-ħsara setgħetx tiġi provokata minn dawn il-fatturi. Peró anké f'dan il-każ, ma hemm xejn li jista' jitqies li hu konklussiv jew li jiġi identifikat b' ċertezza bħala li kkawża d-danni.*

***<u>Punt ta' tluq</u>***

***Fiċ-ċirkostanzi, allura, wieħed ikun ġustifikat illi jikkunsidra bħala punt tat-tluq biex jiddetermina l-kwistjoni ta' responsabbiltà l-probabilità illi l-ħsara kienet provokata minn malfunzjonament ta' xi parti tal-makkinarju tal-ħalib...***

***<u>X' jeħtieġlu jipprova r-rikorrent</u>***

***F'azzjoni ta' din ix-xorta r-rikorrent danneġġat jeħtieġlu jipprova illi hu effettivament sofra d-danni minnu pretiżi, kif ukoll in-natura ta' dawk id-danni. Dan ir-rikorrent irnexxielu jipprovah adegwatament.*** *Biex tali azzjoni tirnexxi peró jeħtieġlu mbagħad:-*

1. *Jipprova x'kienet il-kawża prossima tad-danni li qed jirriklama; u*
2. *jipproduċi provi biex jistabilixxi n-ness kawżali bejn dawk id-danni u l-Koperattiva intimata li jallega li kkawżathom.*

1. *<u>Il-kawża prossima li pprovokat id-danni</u>*

*...**tenut kont l-istat ta' inċertezza u nuqqas ta' trasparenza tal-provi miġbura, jeħtieġ li jsir apprezzament ta' dawk il-provi, fl-isfond tal-premessa ipotetika, li dak li jsostni li seħħ ir-rikorrent kien fil-fatt ġara.** Irid jiġi determinat jekk l-inċident tal-commander box li fuqu r-rikorrent qiegħed jibbaża l-addebiti tiegħu ta' responsabbità, setax fid-dawl tal-provi prodotti, jwassal għal kkonvinċiment li kien hemm negliġenza u traskuraġni sal-grad li twassal għal culpa levis.*

***<u>Il-commander box u l-Pulscript</u>***

*Iż-żewġ apparati illi jinteressaw f'dan il-każ huma:-*

*...*

***Il-commander box***

*... Hemm kunflitt serju fil-provi dwar jekk dan l-apparat setax jaħdem ħażin. Dan peress illi, stante li kien strument elettroniku, esperti sostnew illi dan l-apparat jew jiffunzjona jew ma jiffunzjonax. Ma setax allura jiffunzjona ħażin.*

*...*

*a)* *Fir-rigward tal-Pulscript*

*Diġà ġie sottolineat li r-rikorrent involva l-Koperattiva intimata għaliex kienet hi biss li kellha dan l-apparat elettroniku. Strument li bih setgħet tiġi akkwistata data meħtieġa biex isir apprezzament korrett tat-tħaddim tas-sistema tal-ħlib u li bih fuq kollox, seta' jiġi stabbilit jekk is-sistema kienitx qed tipproduċi ħalib tal-kwalità meħtieġa. Ma hemm l-ebda kwisjtoni jekk dan l-apparat kienx qed jaħdem korrettement. ...*

*il-problema illi jidher li qamet tirrigwarda l-qari tad-data li pprovda dan il-Pulscript u l-apprezzament li almenu inizjalment għamlu t-tekniċi tal-informazzjoni korretta provduta. Jidher li t-tekniċi fl-ewwel lok qalu lir-rikorrent li r-riżultat la kien tajjeb u lanqas ħażin", u wara insistenza tar-rikorrent qalulu li kien tajjeb. Sussegwentment peró kien sar test ieħor u t-tekniċi ikkonkludew illi "xi seneloids ma kienux qed jaħdmu sew". Il-problema peró ippersistiet u allura, ir-rikorrent jgħid li ddeċieda li filgħodu jbiddel il-commander tas-selenoids u mindu sar dan il-baqar bdew jinħalbu sew u ġie kollox għan-normal". Id-domanda hi tista' din l-inċertezza jew nuqqas ta' kjarezza fl-għoti tal-parir tat-tekniċi tal-Koperattiva dwar il-kwalità tal-ħalib prodott, tissarraf f'responsabbilità sħiħa jew kkontributorja għad-danni sofferti mir-rikorrent? Ir-risposta fil-fehma tas-sottoskritt ma tistax tkun ħlief fin-negattiv....*

*...*

*F'sitwazzjoni li kienet daqstant kumplessa, li kienet tippreżenta daqstant ipotesijiet li setgħu jikkawżaw il-marda u konsegwentement daqstant numru varjat ta' rimedji li setgħu jkunu applikati, apparentement bi proċess ta' trial and error, diffiċilment wieħed jista' jaddebita lit-tekniċi tal-Koperattiva intimata b' responsabiltà għall-akkadut. Żgur illi, jekk kien hemm xi nuqqas ta' attenzjoni fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, wieħed ma jistax iqis tali fattur bħala determinanti għall-fini tar-responsabbiltà, jew bħala l-kawża prossima li ipprovokat id-danni jew ikkontribwiet għalihom.*

*...*

*Infatt fir-rigward tal-commander box jemm kontestazzjoni ferm aktar serja u konflitt ta' provi, li baqa' mhux riżolt waqt it-trattazzjoni tal-arbitraġġ. Fil-fatt waqt li r-rikorrent isostni illi l-commander box tista' tibqa taħdem avolja tkun qed tiffunzjona ħażin, u allura tkun qed tikkawża ħsara, it-tekniċi tal-Koperattiva intimata kif ukoll l-esperti prodotti, isostnu kategorikament li dan ma kienx possibbli. Isostnu illi l-commander box jew taħdem jew ma taħdimx. Jekk il-commander box taħdem u allura tkun qed tibgħat messaġġi lill-Pulscript din neċessarjament qed taħdem tajjeb.*

*F'dan ir-rigward Ian Hawken ... L-Arbitru mbgħad saqsieh: "And it cannot work badly. It has to work well. It either works well or it does not work?" Ix-xhud irrisponda: "Yes simple".*

*Antoine Muscat, l-Imgħallem fuq it-technicians tal-Koperattiva intimata, ikkonferma li l-commander box ma tistax taħdem b'mod irregolari u mhux korrett. Jew taħdem jew ma taħdimx ...*

*...*

***Mhux il-każ illi jiġi determinat b'ċertezza liema verżjoni kienet dik korretta. Għall-fini tar-responsabbiltà tat-tekniċi tal-Koperattiva, hu biżżejjed peró li jiġi sottolineat illi mhux biss huma kienu ta' din il-konvinzjoni, imma, li din kienet ukoll il-fehma tal-konsulent tal-bejgħ tad-ditta li kienet timmanifattura l-commander box.***

***F'dan ix-xenarju, u kkunsidrat il-fatt illi l-commander box kienet taħdem u tipproduċi data permezz tal-Pulscript, li effettivament jidher li kienet korretta u tirrispekkja l-valuri tal-ħalib prodott permezz ta' sistema li l-commander box kien jifforma parti integrali minnha, kien jiġġustifika n-nuqqas tat-tekniċi illi ma jaħsbux fl-ewwel lok li l-ħsara setgħet kienet qed tiġi kaġunata mill-commander box.***

***Żgur li jekk ir-rikorrent għandu raġun fil-fatti kif ġraw, l-event tal-commander box li tiffunzjona ħażin u mhux tieqaf jekk tkun bil-ħsara, kien wieħed eċċezzjonali. Event wieħed li seta' biss jasal għalih permezz ta' proċess ta' eliminazzjoni tal-vari ipotesijiet li setgħu kkawżaw il-mastite. Proċess illi fil-verità għamlu r-rikorrent li wasal għad-deċiżjoni, skontu ġusta, wara li għaddew xi ġranet.'*** [11]

41. L-appellant jilmenta li fid-deċiżjoni appellata ma saret l-ebda referenza għax-xhieda ta' Manwel Spiteri, Graham Allman, Dr Bezzina jew Frank Fenech u lanqas ma saret referenza għall-esperiment fattwali fl-udjenza tal-8 ta' Ottubru meta xegħel il-*control box*. Ġew skartati ukoll dokumenti ta' *Fullwood*, il-manufattriċi tal-*control box* tal-apparat tal-ħlib, li juru parametri ta' *readings* aċċettabbli fir-ritmu tal-ħlib speċjalment fil-fażi 'D'. Dawn ir-

[11] enfasi tal-Qorti.

*readings* kellhom jiġu komparati mar-*readings* ġenerati minn strument jissejjaħ '*Pulscript*' li għamel test elettroniku fuq jekk il-*control box* hix qed iżżomm ir-ritmu tajjeb. Minflok, l-arbitru aċċetta xhieda miġjuba mill-appellata fis-sens li la l-*control box* jixgħel, neċessarjament qed jaħdem sewwa. Huwa jikkontendi skont il-loġika, '*Jekk il-control box tkun tixgħel għalfejn kien hemm bżonn ta' pulscript'? L-Arbitru jgħid ukoll li Manwel Spiteri kellu teknika u allura messu nduna. Induna minn xiex? Skont l-istess loġika ma kien hemm suppost xejn ħażin, għax il-bozza kienet tixgħel. U jekk seta' jinduna bid-difett, mela l-control box setgħet kienet difettuża minkejja li tixgħel'.* Jikkontendi li dan, kif ukoll il-fatt li l-pulscript kien jindika sitwazzjoni kritika, juri kontradizzjoni fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata. L-appellant jilmenta ukoll dwar il-grad tal-prova in kwantu l-arbitru ppretenda prova ċerta dwar x' ikkawża l-mastite minflok applika l-kriterju tal-grad tal-aktar probabbli.

42. Fil-fehma tal-qorti dan l-aggravju ma jreġix. Mid-deċiżjoni hu evidenti li t-Tribunal tal-Arbitraġġ qies il-provi kollha. Hu minnu li kien hemm xhieda konfliġġenti dwar aspetti tekniċi, partikolarment ta' Allman u Hawkens. Madankollu t-Tribunal għamilha ċara li, '***Mhux il-każ illi jiġi determinat b'ċertezza liema verżjoni kienet dik korretta. Għall-fini tar-responsabbiltà tat-tekniċi tal-Koperattiva, hu biżżejjed peró li jiġi sottolineat illi mhux biss huma kienu ta' din il-konvinzjoni, imma, li din kienet ukoll il-fehma tal-konsulent tal-bejgħ tad-ditta li kienet timmanifattura l-commander box***'.

43. Aktar minn hekk, it-Tribunal qal ukoll li, '*jekk ir-rikorrent għandu raġun fil-fatti kif ġraw, l-event tal-commander box li tiffunzjona ħażin u mhux tieqaf jekk tkun bil-ħsara, kien wieħed eċċezzjonali. Event wieħed li seta' biss jasal għalih permezz ta' proċess ta' eliminazzjoni tal-vari ipotesijiet li setgħu kkawżaw il-mastite. Proċess illi fil-verità għamlu r-rikorrent li wasal għad-deċiżjoni, skontu ġusta, wara li għaddew xi ġranet.*'

44. Isegwi għalhekk li t-Tribunal ma wasalx għad-deċiżjoni tiegħu abbażi biss tal-fatt jekk l-*commander box* iffunzonajx tajjeb jew ħażin. It-Tribunal għamilha ċara li wkoll f'każ li kellu jitlaq mill-premessa li r-rikorrent għandu raġun fil-fatti kif ġraw, tenut kont il-kumplessità taċ-ċirkostanzi, ma ġie ravviżat ebda element ta' negliġenza da parti tat-tekniċi involuti biex tiġi akkollata l-*culpa levis* lill-intimata:

> '*Interpretazzjoni differenti tal-fatti li taw lok għal aġir kontestat, anké jekk tirriżulta żbaljata, kif isostni l-complainant f'dan il-każ,* ***sakemm issir in***

***buona fede, bil-qies u fid-dawl tal-prinċipji u tagħlim dettati mill-atti u sengħa ma tagħtix lok għal culpa levis.***

*L-analiżi magħula fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-fatti tal-każ tinkwadra sewwa f'din ir-riflessjoni u fil-fehma tal-Arbitru sottoskritt tiġġustifika wkoll l-aġir tat-tekniċi tal-Koperattiva intimata'*

45. L-appellant jilmenta wkoll li t-Tribunal għamel ukoll assunzjonijiet skorretti dwar il-provi fosthom li t-tekniċi, li marru jeżaminaw l-apparat u mhux il-marda, '*kellhom quddiemhom diversi fatturi li setgħu ipprovokaw il-mastite barra dak tal-funzjonament mekkaniku li kien jeħtieġ li janalizzaw qabel jidentifikaw bi preċiżjoni l-kawża prossima tad-danni.'* Hawn ukoll l-appellant qiegħed jerġa jikkritika l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, li dwaru m'hemmx dritt ta' appell.

46. Ir-rikorrent jilmenta wkoll li t-tekniku ħa r-*reading* ġurnata tal-Ġimgħa u ħalliha fuq il-mejda tmiem il-ġimgħa kif ukoll nhar it-Tnejn meta kien bil-*leave*. Kien biss it-Tlieta li ngħata r-riżultat lill-appellant li minn hemm induna bin-natura tal-probelma li għamel tajjeb għaliha billi bidel il-*control box.* L-appellant jgħid li għalhekk kien hemm negliġenza tal-appellata, billi din assumiet ir-responsabiltà tat-tekniċi tagħha, meta ma nfurmawħx b'riżultati tant kritiċi b'mod immedjat.

47. Fit-Talba bil-Miktub ir-rikorrent iddikjara li huwa mar l-ewwel darba għand l-intimata l-Ġimgħa filgħodu għaliex l-baqar ma kinux qegħdin jinħalbu komdi u spjegalhom il-każ. Jgħid ukoll li x'ħin illarga mir-razzett biex imur sad-dar iltaqa' ma Omar Buttigieġ fit-triq li kien qallu li sejjer jagħmillu t-*testing*. Talbu sabiex jekk isib xi diffikulta jċempillu iżda ma ċempillux u ħaseb li kollox kien sew. Omar Buttgġieġ, xhud tar-rikorrent, spjega li filwaqt li ħa r-*readings* ma kienx xogħlu li jinterpretahom u għaddihom lill-imgħallem tiegħu, ċertu Gejtu Buttigieġ. L-imsemmi Gejtu Buttiġieġ ma tressaqx bħala xhud, madanakollu, fit-Talba bil-Miktub ir-rikorrent stqarr li l-Ħadd li nduna li l-baqar ma kinux sew u reġa mar għand l-intimata t-Tnejn filgħodu fejn kellem lill-imsemmi Gejtu Buttigieġ li minnufih ċempel lil Antoine Muscat li kien bil-*leave* u ordnalu **jidħol mil-*leave*** u jmur jiċċekkja l-problema li kellu r-rikorrent. Dan tal-aħħar jgħid li Muscat mar jagħmel it-*testijiet* **30 minuta** wara. Fil-kuntest ta' dak dikjarat mir-rikorrent stess, din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-intimata appellata għamlet l-għalmu tagħha biex tassisti lill-appellant fejn saħansitra eżiġiet li l-impjegat tagħha jidħol mil-*leave* sabiex minnufuh joffri l-assistenza meħtieġa lir-rikorrent. Kif tajjeb deċiż mit-Tribunal, irrispettivament mill-fatt jekk it-tekniċi waslux għall-konklużjoni żbaljata, ma ġietx ippruvata l-ebda

leġġerezza jew diżattenzjoni da parti tal-intimata appellata jew it-tekniċi nvoluti li tagħti lok għal *culpa levis* fl-isfond taċ-ċirkostanzi.

48. Għaldaqstant dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.